Nru. 17,929
Prezz Lm2.56c
Price Lm2.56c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 2 ta' Ġunju, 2006
Friday, 2nd June, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 475

AĠENT PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Francis Zammit Dimech, LL.D., M.A., M.P., Ministru għat-Turiżmu u Kultura, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi bejn nhar il-Ħamis, l-1 ta' Ġunju, 2006 u nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Ġunju 2006 u l-Onor. Tonio Borg, LL.D., M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi b'seħħ minn nhar is-Sibt, it-3 ta' Ġunju, 2006, matul l-assenza ta' l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

L-1 ta' Ġunju, 2006
(OPM 3/2006)

Nru. 476

NOMINA TA' AĠENT PRIM IMĦALLEF

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 98 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, innomina lill-Onor. Imħallef Joseph David Camilleri, LL.D., biex jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga ta' Aġent Prim Imħallef bejn is-27 u t-30 ta' Mejju, 2006, matul l-assenza tas-Sinjurija Tiegħu l-Prim Imħallef.

It-2 ta' Ġunjju, 2006
(MJ /207/89/VI)

GOVERNMENT NOTICES

No. 475

ACTING PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister and Minister of Finance, the President of Malta has directed that the Hon. Francis Zammit Dimech, LL.D., M.A., M.P., Minister for Tourism and Culture, assumes the additional duties of Prime Minister and Minister of Finance between Thursday, 1st June 2006 and Friday, 2nd June 2006, and that the Hon. Tonio Borg, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs, assumes the additional duties of Prime Minister and Minister of Finance with effect from Saturday, 3rd June, 2006, during the continued absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

1st June, 2006

No. 476

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF JUSTICE

IT is notified for general information that in virtue of the powers conferred by section 98 of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has designated the Hon. Mr Justice Joseph David Camilleri, LL.D., to perform the functions of Acting Chief Justice between the 27th and the 30th May, 2006, during the absence of His Honour the Chief Justice.

2nd June, 2006

Nru. 477

ATT DWAR L-AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA (KAP. 332)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, il-Ministru għall-Iżvilupp Urban u Toroq ħatar il-Membri tal-Bord ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta.

Il-Bord huwa kostitwit kif ġej:

Chairman
Is-Sur Joe Gerada

Deputat Chairman
Is-Sur Philip Incorvaja

Membri
Is-Sur Paul Cardona
Is-Sur Oliver Degiorgio
Ms Caroline Galea

Segretarju
Is-Sur Duncan Borg Myatt

It-terminu tal-ħatra jiskadi fil-31 ta' Mejju 2007.

Il-31 ta' Mejju, 2006

No. 477

MALTA TRANSPORT AUTHORITY ACT (CAP. 332)

IN exercise of the powers conferred upon him by section 3 of the Malta Transport Authority Act, the Minister for Urban Development and Roads has appointed the Members of the Board of the Malta Transport Authority.

The Board is composed as follows:

Chairman
Mr Joe Gerada

Deputy Chairman
Mr Philip Incorvaja

Members
Mr Paul Cardona
Mr Oliver Degiorgio
Ms Caroline Galea

Secretary
Mr Duncan Borg Myatt

The appointment is valid up to the 31st May 2007.

31st May, 2006

Nru. 478

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Scientific and Technical Committee

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skond ir-Regolament 5 ta' l-Avviż Legali Nru. 138 ta' l-2005 - *Plant Quarantine (National Certification Scheme) Regulations*, 2005, ta' l-Att dwar il-Kwarantina tal-Pjanti (Kap. 433), is-*Scientific and Technical Committee* għandu jkun kompost kif ġej għall-ħames snin li ġejjin:

Chairperson
Is-Sur Anthony Mifsud, H.N.D. (Agric)

Membri
Dott. Marica Gatt, B.Sc. (Hons) Biology and Chemistry, M.Sc. Virology, Ph.D. Agriculture
Dott. David Mifsud, B.Sc. M.Sc. Ph.D., FRES, FLS
Is-Sur Anthony Muscat, Dip. (Agric)
Is-Sur Randall Caruana, B.Sc (Hons), Biology and Chemistry, M.Sc Chemistry

No. 478

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Scientific and Technical Committee

IT is notified for general information that, in terms of regulation 5 of Legal Notice 138 of 2005 - Plant Quarantine (National Certification Scheme) Regulations, 2005, of the Plant Quarantine Act, (Cap. 433), the Scientific and Technical Committee is to be composed as follows for the next five years:

Chairperson
Mr Anthony Mifsud, H.N.D. (Agric)

Members
Dr Marica Gatt, B.Sc. (Hons) Biology and Chemistry, M.Sc. Virology, Ph.D. Agriculture
Dr David Mifsud, B.Sc. M.Sc. Ph.D., FRES, FLS
Mr Anthony Muscat, Dip. (Agric)
Mr Randall Caruana, B.Sc (Hons), Biology and Chemistry, M.Sc Chemistry

Dott. Adrian Zammit, B.Sc Agr (Hons), MBA (Maastricht), Ph.D. (Sydney)
Is-Sur Angelo Farrugia

Membru/Segretarja
Ms Maureen Delia, B.Pharm. (Hons), M.Sc. Agric. Vet. Pharm

It-2 ta' Ġunju, 2006

Dr Adrian Zammit, B.Sc Agr (Hons), MBA (Maastricht), Ph.D. (Sydney)
Mr Angelo Farrugia

Member/Secretary
Ms Maureen Delia, B.Pharm. (Hons), M.Sc. Agric. Vet. Pharm

2nd June, 2006

Nru. 479

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (EDUKAZZJONI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 479

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (EDUCATION)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Education, Youth and Employment, has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Joseph Magro	Direttur Ġenerali *Director General*	Edukazzjoni *Education*	28.6.06-04.7.06

It-2 ta' Ġunju, 2006

2nd June, 2006

Nru. 480

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

Segretarji tal-Kunsilli Lokali

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd, illi, skond is-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 49 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kunsill Lokali b'konsultazzjoni mal-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern approva illi l-persuna msemmija hawn taħt sabiex tkun nominata Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill Lokali:–

Lokalità tal-Kunsill Lokali	*Segretarju*
Rabat (Malta)	Franco Azzopardi

Il-25 ta' Mejju, 2006

No. 480

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Local Councils Secretaries

IT is hereby notified for general information that, in terms, of sub-section (1) of section 49 of the Local Councils Act (Cap. 363), the Local Council after consultation with the Minister for Justice and Home Affairs has approved that the following person be appointed Executive Secretary of that Local Council:–

Local Council Locality	*Secretary*
Rabat (Malta)	Franco Azzopardi

25th May, 2006

Nru. 481

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA

Deċiżjoni

CCD/139/06

Id-19 ta' Mejju, 2006

Deċiżjoni fuq akkwist skond regolament 6(1)(ii) tar- Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet (A.L. 294 ta' l-2002).

L-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta,

Wara li kkonsidra n-notifikazzjoni tal-11 ta' Mejju, 2006 ai termini tar- regolament 5 ta' l-A.L. 294 ta' l-2002;

Wara li kkonsidra l-provvedimenti tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet ta' l-2002 (A.L. 294 ta' l-2002);

Wara li kkonsidra *Commission Notice on a simplified procedure for treatment of certain concentrations under Council Regulation EC No. 139/2004.*

Il-Fatti

1. Fil-11 ta' Mejju, 2006, Dr George Hyzler, bħala mandatarju speċjali f'Malta ta' Emirates International Telecommunications (Malta) Limited innotifika lill-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta (aktar 'l isfel imsejħa l-Uffiċċju) b'abbozz ta' *Share Sale Agreement* illi b'permezz tiegħu Emirates International Telecommunications LLC (aktar l'isfel msejħa Emirates International), tramite s-sussidjarja tagħha Emirates International Telecommunications (Malta) Limited (aktar l'isfel imsejħa l-intrapriża illi nnotifikat it-tranżazzjoni suesposta) għandha takkwista l-kontroll dirett ta' Maltacom plc sussegwenti għall-offerta pubblika mnedija mill-Gvern ta' Malta tramite il-*Privatisation Unit* fil-Ministeru għall-Investiment, l-Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informatika.

2. L-intavolar u l-aċċetazzjoni ta' tali notifika ġie mgħarraf lill-pubbliku permezz ta' Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 4602 nhar it-12 ta' Mejju, 2006 u avviż li ġie ppubblikat f'gazzetta lokali fit-12 ta' Mejju 2006.

Il-Partijiet

3. L-intrapriża illi nnotifikat it-tranżazzjoni suespost hija kumpannija mwaqqfa reċentement ta' responsabiltà limitata, b'uffiċċju rreġistrat bl-indirizz 192, Old Bakery Street,

No. 481

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

DECISION

CCD/139/06

19th May, 2006

Decision on acquisition in terms of regulation 12(4) of Regulations on Control of Concentrations (LN 294 of 2002)

The Office for Fair Competition,

Having considered the notification of 11 May, 2006 pursuant to regulation 5 of Regulations on Control of Concentrations 2002

Having considered the provisions of the Regulations on Control of Concentrations, 2002

Having considered Commission Notice on a simplified procedure for treatment of certain concentrations under Council Regulation EC No. 139/2004

Facts

1. On 11 May 2006, Dr George Hyzler as special mandatory in Malta of Emirates International Telecommunications (Malta) Limited notified the Office for Fair Competition (hereinafter referred to as "OFC") with a draft Share Sale Agreement, whereby Emirates International Telecommunications LLC (hereinafter referred to as "Emirates International"), through its subsidiary Emirates International Telecommunications (Malta) Limited (hereinafter referred to as "Notifying Party") is to acquire direct control of Maltacom plc pursuant to a public offer made by the Government of Malta acting through the Privatisation Unit in the Ministry for Investment, Industry and Information Technology.

2. The filing and the acceptance of such notification was notified to the public through a public notice in the Government Gazette number 4602 on 12 May, 2006 and a notice that appeared in a local newspaper on 12 May, 2006.

Parties

3. The Notifying Party is a newly incorporated limited liability company having its registered office at 192, Old Bakery Street, Valletta, Malta. The company is a holding

Valletta, Malta. Il-Kumpannija hija *holding company* illi twaqqfet biex iżżomm ishma f'Maltacom plc. Il-kumpannija m'eżerċitatx kummerċ ħlief billi daħlet fi tranżazzjonijiet relatati ma' dan l-eventwali akkwist.

4. [omissis].

5. Maltacom plc hija kumpanija pubblika mwaqqfa f'Malta u li għandha l-uffiċċju rreġistrat bl-indirizz Spencer Hill, Marsa, Malta. Maltacom plc hija l-kumpannija nazzjonali tat-telekomunikazzjoni u hija attiva f'diversi servizzi tat-telekommunikazzjoni. Tforni servizzi bl-ingrossa u l-imnut, u servizzi ta' telefonija fissa u *mobile*. Preżentement 60% ta' l-ishma huma f'idejn il-Gvern. F'Ġunju ta' l-1998, il-Gvern ta' Malta biegħ 40% ta' l-ishma f'Offerta Pubblika Inizjali. Ix-*share capital* hija elenkata fil-Borża ta' Malta u bħala *global Depositary Receipts* fil-Borża ġewwa f'Londra.

Konċentrazzjoni Notifikabbli

6. It-tranżazzjoni notifikata li permezz tagħha l-intrapriża illi notifikat t-tranżazzjoni suespost qiegħda takkwista kontroll dirett ta' Maltacom plc, hija konċentrazzjoni skond regolament 2(d) (ii) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet.

7. Regolament 2(d)(ii) jirreferi għall-akkwist minn intrapriża waħda jew aktar minn waħda jew minn persuna waħda jew aktar li diġà jikkontrollaw mill-anqas xi intrapriża waħda, sew bix-xiri ta' titoli jew ta' assi, b'kuntratt jew b'kull mezz ieħor, ta' kontroll dirett jew indirett ta' intrapriża jew intrapriżi sħaħ jew ta' partijiet minnhom.

8. F'dan il-każ, il-konċentrazzjoni proposta hija l-akkwist ta' kontroll dirett minn Emirates International Telecommunications (Malta) Limited ta' Maltacom plc b'permezz ta' akkordju sussegwenti għat-tħabbira ta' offerta pubblika.

***Threshold* li jiskatta l-obbligu ta' notifika**

9. It-*turnover* ta' l-intrapriżi parti f'din it-tranżazzjoni fis-sena finanzjarja preċedenti qabżet it-*turnover* totali kkontemplata mir-regolament numru 2 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet.

Proċedura Simplifikata

10. Wara eżami tan-notifikazzjoni, id-Direttur kien sodisfatt li l-konċentrazzjoni taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tar-Regolament dwar il-Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet, 2002 u regolament 12(1) (ii) illi jgħid hekk:

company that has been set up to hold shares in Maltacom plc. The company has not traded except for entering into transactions relating to this anticipated acquisition.

4. [omissis].

5. Maltacom plc is a public company incorporated in Malta having its registered office at Spencer Hill, Marsa, Malta. Maltacom plc is the national telecommunications company and is active in a range of telecommunication services providing wholesale and retail services and fixed and mobile telecommunication services. It is presently owned as to 60% by the Government of Malta. In June 1998, the Government of Malta sold its 40% shareholding in the company in an Initial Public Offering. The company's share capital is listed on the Malta Stock Exchange and, in the form of Global Depositary Receipts, on the London Stock Exchange.

Notifiable Concentration

6. The notified operation whereby the Notifying Party acquires direct control of Maltacom plc, is a concentration within the meaning of regulation 2 (d) (ii) of the Regulations on the Control of Concentrations.

7. Regulation 2(d) (ii) refers to the acquisition by one or more undertakings or by one or more persons already controlling at least one undertaking, whether by purchase of securities or assets, by contract or by any other means, of direct or indirect control of the whole or parts of one or more undertakings.

8. In this case, the proposed concentration is the acquisition of direct control by Emirates International Telecommunications (Malta) Limited of Maltacom plc by means of a contract, pursuant to a public bid.

Threshold for Notification

9. The aggregate turnover of the parties concerned in the preceding financial year exceeds that set out in regulation 2 of the Regulations on Control of Concentrations.

Simplified Procedure

10. After examination of the notification, the Director has concluded that the notified concentration falls within the scope of the Regulations on Control of Concentrations, 2002 and of regulation 12(1)(ii) thereof whereby it is provided that:

"Il-proċedura simplifikata għandha tkun tapplika għal dawn il-kategoriji ta' konċentrazzjonijiet li ġejjin li jitqiesu li ma jqajjmux dubji serji dwar il-legalità tagħhom skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti, kemm-il darba d-Direttur f'każijiet eċċezzjonali u minħabba li l-kondizzjonijiet ekonomiċi li jappartjenu għas-suq u għall-partijiet fil-konċentrazzjoni ma jkunx iqis xorta oħra.

(ii) meta żewġ intrapriżi jew aktar jamalgamaw, jew intrapriża waħda jew aktar takkwista kontroll uniku jew konġunt ta' xi intrapriza oħra, iżda ebda waħda mill-partijiet fil-konċentrazzjoni ma jkunu involuti f'attivitajiet kummerċ jali fl-istess suq ta' prodott u suq ġeografiku, jew f'suq ta' prodott li jkun fil-linja 'l fuq jew fil-linja 'l isfel ta' suq ta' prodott li fih tkun involuta xi parti oħra tal-konċentrazzjoni;"

Konklużjonijiet

In vista tas-suespost u r-raġunijiet imsemmija u ai termini ta' regolament 12(4) tar- Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet, 2002 (A.L 294 ta' l-2002), id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta għaldaqstant:

1) Iddeċieda illi għalkemm il-konċentrazzjoni taqa' fl-ambitu ta' dawn ir-Regolamenti, il-konċentrazzjoni ma tqajjimx dubji serji dwar il-leġittimità tagħha;

2) Iddeċieda illi ma jopponix il-konċentrazzjoni u

3) Iddikjara tali konċentrazzjoni bħala konċentrazzjoni leġittima.

MARCEL PIZZUTO
Direttur Ġenerali
Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta

It-2 ta' Ġunju, 2006

"The simplified procedure will apply to the following categories of concentrations that are deemed not to raise serious doubts as to their legality in terms of the provisions of these regulations, unless the Director in exceptional cases and in view of the economic conditions pertaining to the market and the parties to the concentration deems otherwise.

(ii) two or more undertakings merge, or one or more undertakings acquire sole or joint control of another undertaking, provided that none of the parties to the concentration are engaged in business activities in the same product and geographical market, or in a product market which is upstream or downstream of a product market in which any other party to the concentration is engaged;"

Conclusion

For the above mentioned reasons and in terms of regulation 12(4) of the Regulations on Control of Concentrations, 2002 the Director of the Office for Fair Competition has therefore decided:

(1) That although the Concentration falls within the scope of these Regulations, the Concentration does not raise serious doubts about its lawfulness;

(2) Not to oppose the Concentration; and

(3) Declares it to be a lawful Concentration.

MARCEL PIZZUTO
Director General
Office for Fair Competition

2nd June, 2006

Nru. 482

AKKWIST TA' ART

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 379 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,914 tat-28 ta' April, 2006, ngħarrfu illi n-numru tal-*file* fl-aħħar paragrafu tal-verżjoni bl-Ingliż kellu jkun L.D. 45/85 u mhux 45/89.

It-2 ta' Ġunju, 2006

No. 482

AQUISITION OF LAND

Emenda

WITH reference to Government Notice No. 379 published in the Government Gazette No. 17,914 of the 28th April, 2006, it is notified that the file number in the last paragraph of the English version should have read L.D. 45/85 and not 45/89.

2nd June, 2006

Nru. 483

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia*:

Nru. tal-*Condominium* *Condominium Number*	Indirizz tal-*Condominium* *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
110	Milner Grove Garage Complex Għar id-Dud Street Sliema	Reġistrazzjoni tar-regolamenti/ *Registration of Rules*	30/05/2006
111	Milner Grove Residential Complex Għar id-Dud Street Sliema	Reġistrazzjoni tar-regolamenti/ *Registration of Rules*	30/05/2006

Dott. Stephanie Pappalardo
Reġistratur ta' l-Artijiet

It-2 ta' Ġunju, 2006

No. 483

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:

Dr Stephanie Pappalardo
Land Registrar

2nd June, 2006

Nru. 484

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
26. 05. 06	Lm7.09c0	15c0
29. 05. 06	Lm7.11c8	14c9
30. 05. 06	Lm7.07c6	14c8
31. 05. 06	Lm7.09c5	15c2
01. 06. 06	Lm7.17c4	14c5

It-2 ta' Ġunju, 2006

No. 484

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

2nd June, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 45

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Burmarrad

Nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Ġunju 2006, bejn is-6.00 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Wardija, Burmarrad, Triq Ġdida fi Triq Magħsar, Magħsar u Triq San Pawl Milqi.

Nhar is-Sibt, l-24 ta' Ġunju 2006, bejn is-6.00 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: id-Dwieli, l-Insolja, Manwel Bonnici, San Pawl Milqi u Burmarrad.

Nhar il-Ħadd, il-25 ta' Ġunju 2006, bejn l-4.00 p.m. u l-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Wied Sardin, Burmarrad, San Pawl Milqi, Triq Ġdida fi Triq Magħsar u Magħsar.

It-traffiku kollu (li jgħaddi u li jipparkja) huwa pprojbit nhar il-Ħadd, il-25 ta' Ġunju, 2006, bejn l-4.00 p.m. u l-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Wied Sardin, Burmarrad, San Pawl Milqi, Triq Ġdida fi Triq Magħsar u Magħsar.

It-2 ta' Ġunju, 2006

POLICE NOTICE

No. 45

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of legal notice101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Burmarrad

On Friday, 23rd June 2006, between 6.00 p.m. and midnight through the following streets: il-Wardija, Burmarrad, New Street in Triq Magħsar, Magħsar and Triq San Pawl Milqi.

On Saturday, 24th June 2006, between 6.00 p.m. and midnight through the following streets: id-Dwieli, l-Insolja, Manwel Bonnici, San Pawl Milqi and Burmarrad.

On Sunday, 25th June 2006, between 4.00 p.m. and 11.00 p.m. through the following streets: Wied Sardin, Burmarrad, San Pawl Milqi, New Street in Triq Magħsar and Magħsar.

All traffic (transit and parking) is prohibted on Sunday 25th June, 2006 between 4.00 p.m. and 11.00 p.m. through the following streets: Wied Sardin, Burmarrad, San Pawl Milqi, Triq Ġdida in Triq Magħsar and Magħsar.

2nd June, 2006

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Riżultat ta' Intervisti għall-Post ta' *Junior Legal Officer/Legal Officer* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, jgħarraf illi r-riżultat ta' l-intervista għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fin-*notice-board* prinċipali fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, u fin-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-2 ta' Ġunju, 2006

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Result of Interviews for the Post of Junior Legal Officer/Legal Officer in the Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Permanent Secretary, Ministry for Rural Affairs and the Environment, notifies that the result of the interviews for the above-mentioned post has been published and can be viewed on the main notice-board at the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

2nd June, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Senior House Officer* fid-Dipartiment tal-Anestesija fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adattati għall-postijiet ta' *Senior House Officer* fid-Dipartiment tal-Anestesija fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Senior House Officer* fid-Dpartiment ta' l-Anestesija għandu salarju ta' Lm6,306 fis-sena li jiżdied b'Lm209 fis-sena sa massimu ta' Lm7,560 (Skala ta' Salarju Nru. 8).

3.1. Il-ħatra ta' *Senior House Officer* tkun fuq bażi ta' kuntratt definit ta' erba' snin, bi prova għal sena, u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa u persuna tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jista' jinkludi *night duty*. Dan ir-*roster* jieħu ħsieb it-taħriġ skond il-ħtieġa minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u x-xogħol fil-Ħdud u Btajjel Pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata u li waqt il-perjodu tal-kuntratt tikseb xi kwalifika approvata ta' wara l-gradwazzjoni fl-ispeċjalità tiġi kkunsidrata għan-nomina ta' *Senior House Officer* fuq bażi permanenti bil-kundizzjoni li tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti, u taqla' salarju ta' Lm6,713 x Lm228 – Lm8,081 fis-sena (skala ta' salarju Nru. 7).

5. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

6. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem fid-Dipartiment tal-Anestesija fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Senior House Officer in the Anaesthesia Department in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from duly qualified Medical Practitioners for the posts of Senior House Officer in the Department of Anaesthesia in the Health Division.

2. The post of Senior House Officer in the Department of Anaesthesia carries a salary of Lm6,306 per annum rising by annual increments of Lm209 up to a maximum of Lm7,560 (Salary Scale No. 8).

3.1. The appointment of a Senior House Officer shall be on the basis of a four year contract, subject to a probationary period of one year, and subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which may include night duty. This roster will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee who obtains an approved postgraduate qualification in the speciality during the contract period will, subject to satisfactory performance, be considered for appointment as Senior House Officer on a permanent basis on a salary of Lm6,713 x Lm228 – Lm8,081 per annum (salary scale No 7).

5. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

6. The appointee will be required to work in the Anaesthesia Department in the Health Division.

7.1. Il-post ta' *Senior House Officer* jifforma parti integrali tal-programm ta' taħriġ anestetiku fid-Dipartiment tal-Anestesija u huwa adatt għal dawk il-kandidati li jixtiequ jaqbdu karriera fl-Anestesija. Il-persuna nominata tkun mistennija li taħdem kull tant żmien meta jmissha fl-*Operating Theatres*, fl-*Intensive Care Unit* u fil-*Cardio-Pulmonary Resuscitation Unit*. Fil-bidu għandha tidra l-proċeduri tal-operazzjonijiet fl-isptar speċjalment dawk dwar pjanijiet għall-inċidenti kbar. Matul l-ewwel sitt xhur tal-kuntratt, il-persuna nominata taħdem taħt superviżjoni mbagħad, jiddependi minn rapporti sodisfaċenti fuqha u skond ix-xeħta u l-kapaċità tagħha tiġi mqabbda taħdem għal rasha iżda tkun responsabbli għal *Medical Officer* anzjan.

7.2. Wara tnax il-xahar tal-kuntratt tagħha, il-persuna nominata tkun mistennija li tkun taf tagħmel sewwa *intravascular lines*, *intubation techniques* u tagħti *balanced Anaesthesia* f'każi mhux kumplikati li turi ħila kbira fil-*Cardiopulmonary Resuscitation* u fil-Kura Intensiva. Hi mistennija li tieħu parti fl-attivitajiet ta' taħriġ tad-Dipartiment tal-Anestesija u għandha tkun f'qagħda li toqgħod għall-ewwel parti ta' l-eżami ta' grad ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fl-Anestesija, bħall-*European Diploma in Anaesthesia* (EDA) li tikkonsisti f'żewġ partijiet.

7.3. Wara tmintax il-xahar tal-kuntratt tagħha, il-persuna nominata tkun mistennija li tagħmel *Theatre Lists* waħedha skond il-ħila tagħha kif tkun imqabbda miċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Anestesija.

7.4. Wara sentejn tal-kuntratt taghha, il-persuna nominata tkun mistennija li tagħmel *theatre lists* u li tagħżel xi interess speċjali f'*subspeciality* ta' l-Anestesija. Hi trid tkun imħejjija biex tersaq għall-eżami finali ta' grad ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fl-Anestesija, jiġifieri, l-eżami tal-Part II tal-*European Diploma in Anaesthesia* (EDA) jew l-eżami tal-Part II tal-*Fellowship of the Royal College of Anaesthetists ot the United Kingdom* (F.R.C.A.). Matul dawn is-sentejn msemmija hawn fuq, il-persuna nominata trid iżomm bid-dettal in-numru ta' każi li tat il-loppju u fejn tgħid x'teknika partikulari kienet użat u għaliex.

7.5. Jekk fit-tmiem tal-perjodu msemmi f'paragrafu 7.4, il-persuna nominata ma tgħaddix mill-eżami tal-*Part I* tal-*European Diploma in Anaesthesia* (EDA) jew dak tal-*Fellowship of the Royal College of Anaesthetists of the United Kingdom* (F.R.C.A.) iż-żmien sa kemm hi tkun tista' tersaq għal dawn l-eżamijiet jiġi mtawwal sa sitta u tletin xahar.

7.6. Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

8. L-applikanti għandhom:

7.1. The post of Senior House Officer forms an integral part of the basic Anaesthetic training programme of the Department of Anaesthesia and is suitable for candidates wishing to pursue a career in Anaesthesia. The appointee will be required to rotate within the various Operating Theatres, the Intensive Care Unit and the Cardio Pulmonary Resuscitation Unit Initially, he/she should familiarize himself/herself with hospital operative procedures especially those regarding major incidents plans. During the first six months of his/her contract the appointee will work under supervision and then, subject to favourable assessment and compatible with his/her aptitude and skills, he/she will be assigned to work on his/her own but responsible to a senior Medical Officer.

7.2. At the end of twelve months of his/her contract, the appointee will be expected to be proficient in the setting up of intravascular lines, intubation techniques, administration of balanced anaesthesia in uncomplicated cases, Cardio Pulmonary Resuscitation and Intensive Care skills. He/She will be required to participate in the teaching activities of the Department of Anaesthesia. He/She should be in a position to sit for Part I Examination of a higher postgraduate degree in Anaesthesia, such as the European Diploma in Anaesthesia (EDA) which consists of two Parts.

7.3. At the end of eighteen months of his/her contract, the appointee will be expected to perform theatre lists on his/her own as assigned to him/her by the Chairman of the Department of Anaesthesia in accordance with his/her aptitude and skills

7.4. At the end of twenty-four months of his/her contract, the appointee will be expected to perform theatre lists and to choose a special interest in an Anaesthetic subspeciality. He/She should be prepared to proceed for the final Examination of a higher postgraduate degree in Anaesthesia that is, Part II examination of the European Diploma in Anaesthesia (E.D.A.) or Part II examination of the Fellowship of the Royal College of Anaesthetists of the United Kingdom (F.R.C.A.). Throughout the above-mentioned twenty-four month period, the appointee should keep a detailed account of the number of cases anaesthesised by him/her indicating briefly the anaesthetic technique used and the reason for choosing that particular technique.

7.5. If at the end of the period mentioned in paragraph 7.4. the appointee fails to pass the Part I examination of the European Diploma in Anaesthesia (EDA) or of the Fellowship of the Royal College of Anaesthetists of the United Kingdom (F.R.C.A.) the time scale for attempting such examinations would be extended to thirty-six months.

7.6. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

8. Applicants must:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikulta l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-professjoni medika f'Malta;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47)*, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern ta' Malta qabel u jagħtu d-dettalji).

8.1. Tingħata konsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li jkollhom evidenza ta' *Continued Medical Education* u ta' riċerka.

9. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn kandidati li ma jkollhomx il-Liċenza msemmija f'paragrafu 8(ċ) hawn fuq bil-kundizzjoni li juru evidenza li se jikkwalifikaw għall-imsemmija Liċenza sal-15 ta' Ottubru, 2006. Jekk jintgħażlu, dawn il-kandidati jridu jakkwistaw l-imsemmija Liċenza qabel ma jingħataw il-ħatra.

10.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service giving details).

8.1. Due consideration will be given to applicants who possess evidence of Continued Medical Education as well as research.

9. Applications will also be considered from candidates who are not in possession of the Licence mentioned in paragraph 8(c) above provided they produce evidence that they would qualify for such a Licence by 15th October, 2006. If selected such candidates must obtain the said Licence before appointment.

10.1. Persons registered with the National Commission

Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

10.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi ndirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

11.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

11.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-*MQRIC* jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants*, trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

12.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

12.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

12.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq:

http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

12.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

10.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

11.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applicationsġ originals to be produced for verification at the interview).

11.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

12.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

12.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

12.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at:

http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

12.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

13. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

14. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana

15. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali (Saħħa), fid-Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Ġunju, 2006.

16. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Ġunju 2006 jistgħu jigu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

17. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-2 ta' Ġunju, 2006

13. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

14. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

15. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General (Health) at the Health Division, 15, Merchants Street, Valletta, by not later than noon of Friday, 23rd June, 2006.

16. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 23rd June 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356-21242884.

17. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven (7) days.

2nd June, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Senior House Officer* fid-Dipartiment ta' l-Oftalmija fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti għall-postijiet ta' *Senior House Officer* fid-Dipartiment ta' l-Oftalmija fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Senior House Officer* fid-Dipartiment tal-Oftalmija għandu salarju ta' Lm6,306 fis-sena li jiżdied b'Lm209 fis-sena sa massimu ta' Lm7,560 (Skala ta' Salarju Nru. 8).

3.1. Il-ħatra ta' *Senior House Officer* tkun fuq bażi ta' kuntratt definit ta' erba' snin, bi prova għal sena, u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Senior House Officer in the Department of Ophthalmology in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from duly qualified Medical Practitioners for the posts of Senior House Officer in the Department of Ophthalmology in the Health Division.

2. The post of Senior House Officer in the Department of Ophthalmology carries a salary of Lm6,306 per annum rising by annual increments of Lm209 up to a maximum of Lm7,560 (Salary Scale No. 8).

3.1. The appointment of a Senior House Officer shall be on the basis of a four year contract, subject to a probationary period of one year, and subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division.

persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jista' jinkludi *night duty*. Dan ir-*roster* jieħu ħsieb it-taħriġ skond il-ħtieġa minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u x-xogħol fil-Ħdud u Btajjel Pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun soġġetta għal kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata li waqt il-perjodu tal-kuntratt tikseb xi kwalifika approvata ta' wara l-gradwazzjoni fl-ispeċjalità tiġi kkunsidrata għan-nomina ta' *Senior House Officer* fuq bażi permanenti bil-kundizzjoni li tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti, u taqla' salarju ta' Lm6,713 x Lm228 – Lm8,081 fis-sena (skala ta' salarju Nru 7).

5. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

6. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem fid-Dipartiment ta' l-Oftalmija fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

7.1. Il-post ta'*Senior House Officer* huwa adatt għal dawk il-kandidati li jixtiequ jaqbdu karriera fl-Oftalmija. Il-persuna fil-grad ta' *Senior House Officer* hija meħtieġa li tkompli tagħmel ix-xogħol ta' *House Officer* iżda f'livell ogħla ta' responsabbiltà. Hi tkun imqabbda li tagħmel operazzjonijiet minuri taħt superviżjoni.

7.2. Il-persuna fil-grad ta' *Senior House Officer* tkun il-ħin kollu taħt is-superviżjoni tas-superjuri tagħha u tkun responsabbli direttament lejn il-konsulent inkarigat mill-pazjenti.

10.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

11.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

11.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

11.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-*MQRIC* jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants*, trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

11.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

12.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

12.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

12.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

12.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

12.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitnizzel ukoll mill-*website* tal-Kummisjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq:

http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

12.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at:

http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

12.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

12.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

13. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

13. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

14. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

14. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment
jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

15. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15 Triq il-Merkanti, Valletta, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Ġunju, 2006.

16. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Ġunju 2006 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

17. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni bizzejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-2 ta' Ġunju, 2006

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment
or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

15. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Merchants Street, Valletta, by not later than noon of Friday, 23rd June, 2006.

16. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 23rd June 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356-21242884.

17. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven (7) days.

2nd June, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Senior House Officer* fid-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatt għall-postijiet ta' *Senior House Officer* fid-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Senior House Officer* fid-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* għandu salarju ta' Lm6,306 fis-sena li jiżdied b'Lm209 fis-sena sa massimu ta' Lm7,560 (Skala ta' Salarju Nru. 8).

3.1. Il-ħatra ta' *Senior House Officer* tkun fuq bażi ta' kuntratt definit ta' erba' snin, bi prova għal sena, u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa u persuna tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa tipprovdi servizz residenti *on call* skond *roster* stabbilit li jista' jinkludi *night*

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Senior House Officer in the Accident and Emergency Department in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from duly qualified Medical Practitioners for the posts of Senior House Officer in the Accident and Emergency Department in the Health Division.

2. The post of Senior House Officer in the Accident and Emergency Department carries a salary of Lm6,306 per annum rising by annual increments of Lm209 up to a maximum of Lm7,560 (Salary Scale No. 8).

3.1. The appointment of a Senior House Officer shall be on the basis of a four year contract, subject to a probationary period of one year, and subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division and it involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to provide resident on-call service in accordance with an established roster which

duty. Dan ir-*roster* jieħu ħsieb it-taħriġ skond il-ħtieġa minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Sigħat ta' xogħol il-fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u x-xogħol fil-Ħdud u Btajjel Pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għal benefiċċji l-oħra u tkun soġġetta għal kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata u li waqt il-perjodu tal-kuntratt tikseb xi kwalifika approvata ta' wara l-gradwazzjoni fl-ispeċjalità tiġi kkunsidrata għan-nomina ta' *Senior House Officer* fuq bażi permanenti, bil-kundizzjoni li tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti, u taqla' salarju ta' Lm6,713 x Lm228 – Lm8,081 fis-sena (skala ta' salarju Nru. 7).

5. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

6. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem fid-Dipartiment tal-*Accident and Emergency* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

7.1. Il-post ta' *Senior House Officer* jifforma parti integrali tal-programm ta' taħriġ mediku fid-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* u huwa adattat għal dawk il-kandidati li jixtiequ jaqbdu karriera fl-istess Dipartiment. Il-persuna nominata tkun meħtieġa tieħu sehem fi programm ta' taħriġ strutturat li jkun determinat miċ-*Chairman* tad-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* u li jieħu ħsieb il-ħtiġiet tat-taħriġ mediku tas-*Senior House Officer*, kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Hi tkun meħtieġa li tieħu sehem fl-attivitajiet akkademiċi u f'laqgħat tad-Dipartiment tal-*Accident and Emergency* inkluż riċerka u verifika. It-taħriġ kontinwu tagħha jiddependi minn rapporti sodisfaċenti fuqha minghand kumitat kompost miċ-*Chairman* ta' l-*Accident and Emergency* u żewġ Konsulenti. Waqt dan il-kuntratt il-persuna nominata trid tkun f'qagħda li tista' toqgħod għall-eżami ta' l-AFRCS/FRCS fl-*Accident and Emergency Medicine and Surgery* jew għal kwalifika ekwivalenti approvata. Aktar taħriġ skond l-esiġenzi tas-Servizz, ikun jinkludi ħidma f'dipartimenti kliniċi oħra inkluż Oftalmija u ENT.

7.2. Is-*Senior House Officer* jifforma parti mid-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* u l-persuna nominata tkun

may include night duty. This roster will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in access of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee who obtains an approved postgraduate qualification in the speciality during the contract period will, subject to satisfactory performance, be considered for appointment as Senior House Officer on a permanent basis and shall be placed on a salary of Lm6,713 x Lm228 – Lm8,081 per annum (Salary Scale No. 7).

5. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

6. The appointee will be required to work in the Accident and Emergency Department in the Health Division.

7.1. The post of Senior House Officer forms an integral part of the basic medical training programme of the Accident and Emergency Department and is suitable for candidates wishing to pursue a career in the same Department. The appointee will be required to participate in a structured training programme to be determined by the Chairman of the Accident and Emergency Department and which will take into account both the Senior House Officer's basic medical training requirements as well as the exigencies of the service. He/She will be required to participate in the academic activities and meetings of the Accident and Emergency Department including research and auditing. His/Her continued training will depend on the satisfactory reports from a Committee composed of the Chairman of the Accident and Emergency Department and two other Consultants. During his/her contract, the appointee should be in a position to sit for the AFRCS/FRCS examination in Accident and Emergency Medicine and Surgery, or an approved equivalent qualification. Further training will depending on the exigencies of the service, include attachment to other clinical departments including Ophthalmology and ENT.

7.2. The Senior House Officer forms part of the Accident and Emergency Department and the appointee will be

responsabbli lejn il-konsulenti u *Chairman* tad-Dipartiment.

7.3. Il-persuna nominata hija mistennija li tkompli tagħmel ix-xogħol ta' *House Officer* iżda f'livell ogħla ta' responsabbiltà. Hija trid tkun kapaċi tagħmel dijanjożi ta' każi fid-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* aktar komplikati u timmaniġġjahom u trid tiżviluppa l-ħila tagħha fl-istess Dipartiment. Hija tkun responsabbli direttament lejn il-konsulent inkarigat mill-pazjenti. Id-dmirijiet u responsabbiltajiet ewlenin tal-post huma kif gej:

a) maniġġjar ta' pazjenti morda gravi u ta' dawk li jweġġgħu serjament fil-fażi immedjat tagħhom, u twettiq ta' proċeduri ta' rutina li jsiru fid-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* (per eżempju *airway and ventilatory support, cardioversion, reductions* eċċ);

b) dħul u *discharge* ta' pazjenti jekk hi tkun konfidenti mid-dijanjożi u maniġġjar tal-każijiet. Żamma ta' kuntatt ma' kollegi anzjani fid-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* u fi speċjalitajiet oħra kif ikun xieraq fil-qagħda klinika tal-pazjenti;

ċ) superviżjoni ta' xogħol kliniku fid-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency*;

d) żamma ta' kuntatt mal-qraba tal-pazjenti;

e) assigurazzjoni li r-rekords tal-pazjenti jkunu preċiżi, aġġornati u li jinqraw;

f) provvediment ta' servizzi residenzjali *on call* kif meħtieġ;

g) xogħol minflok kollegi f'emerġenza jew meta dawn ikunu bil-*vacation leave* jew *leave* ieħor;

h) żamma ta' kuntatt mal-kollegi li jkunu xogħol immedjatament qabilha jew warajha biex tassigura komunikazzjoni adekwata u kontinwità ta' kura tal-pazjent. Hija trid iżżomm kuntatt mill-qrib ma' infermiera, ma' ħaddiema professjonali u tekniċi kif ukoll ma' dipartimenti oħra biex tassigura li l-informazzjoni meħtieġa għall-kura tal-pazjent u l-investigazzjonijiet meħtieġa jkunu mifhuma sewwa;

i) obbligu li tkun preżenti, taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, għax-xogħol barra mill-ħin normali tar-*roster* tagħha meta dan ikun essenzjali għall-kontinwità tal-kura tal-pazjent.

j) użu mis-sistemi ta' Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

8. L-applikanti għandhom:

responsible to the consultants and Chairman of the Department.

7.3. The appointee is expected to continue with the duties of the House Officer but at a higher level of responsibility. He/She should be able to diagnose and manage more complicated medical problems and should develop hisċher clinical skills. He/She will be directly answerable to the consultant in charge of the patients. The principal duties and responsibilities of the post are as follows:

a) management of the acutely ill and seriously injured patients in the immediate phase and performance of procedures that are routinely carried out in the Accident and Emergency Department (e.g. airway and ventilatory support, cardioversion, reductions etc.);

b) admission or discharge of patients if he/she is confident of the diagnosis and management of the cases. Liaison with senior colleagues in the Accident and Emergency Department and in the other specialities as appropriate to the clinical situation;

c) supervision of clinical work in the Accident and Emergency Department;

d) liaison with patients' relatives;

e) ensuring that records of patients are accurate, up to date and legible;

f) provision of resident on-call services as required;

g) provision of cover for colleagues in an emergency or when on vacation or other leave;

h) liaison with colleagues who are on duty immediately before and after himselfċherself to ensure adequate communication and continuity of patient care. He/She must liaise closely with nursing, professional and technical staff and other departments to ensure that necessary information on patient care and investigations required are fully understood;

i) undertaking to be available, under exceptional circumstances, for such irregular commitments outside normally rostered duties as are essential for continuity of patient care.

j) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

8. Applicants must:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikulta l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-professjoni medika f'Malta;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47)*, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern ta' Malta qabel u jagħtu d-dettalji).

8.1. Tingħata konsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li jkollhom evidenza ta' *Continued Medical Education* u ta' riċerka.

9. Applikazzjonijiet jintlaqgħu ukoll minn kandidati li ma jkollhomx il-Liċenza msemmija f'paragrafu 8(ċ) hawn fuq bil-kundizzjoni li juru evidenza li se jikkwalifikaw għall-imsemmija Liċenza sal-15 ta' Ottubru 2006. Jekk jintgħażlu, dawn il-kandidati jridu jakkwistaw l-imsemmija Liċenza qabel ma jingħataw il-ħatra.

10.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service giving details).

8.1. Due consideration will be given to applicants who possess evidence of Continued Medical Education and Research.

9. Applications will also be considered from candidates who are not in possession of the Licence mentioned in paragraph 8(c) above provided they produce evidence that they would qualify for such a Licence by 15th October 2006. If selected such candidates must obtain the said Licence before appointment.

10.1. Persons registered with the National Commission

għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

10.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

11.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

11.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-*MQRIC* jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants*, trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

12.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

12.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

12.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq:

http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

12.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-

for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

10.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

11.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

11.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universitiesċtertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

12.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

12.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

12.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at:

http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

12.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of

pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

13. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jigi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

14. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana

15. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, mhux aktar tard min-nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Ġunju 2006.

16. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Ġunju 2006 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

17. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni bizzejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-2 ta' Ġunju, 2006

13. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

14. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana

15. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Merchants Street, Valletta, by not later than noon of Friday, 23rd June 2006.

16. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 23rd June 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356-21242884.

17. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven (7) days.

2nd June, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Senior House Officer* (Ġerjatrija) fid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti għall-postijiet ta' *Senior House Officer* (Ġerjatrija) fid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

2. Il-post ta' *Senior House Officer* fid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità għandu salarju ta' Lm6,306 fis-sena li jiżdied b'Lm209 fis-sena sa massimu ta' Lm7,560 *(Salary Scale* Nru. 8).

3.1. Il-ħatra ta' *Senior House Officer* tkun fuq bażi ta' kuntratt definit ta' erba' snin, bi prova għal sena, u taqa' taħt

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Senior House Officer (Geriatrics) in the Department for the Elderly and Community Care within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from duly qualified Medical Practitioners for the posts of Senior House Officer (Geriatrics) in the Department for the Elderly and Community Care.

2. The post of Senior House Officer in the Department for the Elderly and Community Care carries a salary of Lm6,306 per annum rising by annual increments of Lm209 up to a maximum of Lm7,560 (salary scale no 8).

3.1. The appointment of a Senior House Officer shall be on the basis of a four year contract, subject to a probationary

ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn zmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jista' jinkludi *night duty*. Dan ir-*roster* jieħu ħsieb it-taħriġ skond il-ħtieġa minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u x-xogħol fil-Ħdud u Btajjel Pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata li waqt il-perjodu tal-kuntratt tikseb xi kwalifika approvata ta' wara l-gradwazzjoni fl-ispeċjalità tiġi kkunsidrata għan-nomina ta' *Senior House Officer* fuq bażi permanenti bil-kundizzjoni li tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti, u taqla salarju ta' Lm6,713 x Lm228 – Lm8,081 fis-sena (skala ta' salarju Nru 7).

5. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

6. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem fid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità kemm ġewwa San Vincenz, l-Isptar Zammit Clapp u postijiet oħra skond l-esiġenzi tas-Servizz.

7.1. Il-post ta' *Senior House Officer* jifforma parti integrali tal-programm ta' taħriġ mediku fid-Dipartiment tal-Mediċina u huwa adattat għal dawk il-kandidati li jixtiequ jaqbdu karriera fil-Ġerjatrija. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem, kull tant żmien meta jmissha, fl-ispeċjalitajiet varji tal-mediċina li jkunu determinati miċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Medicina u li jieħdu ħsieb il-ħtiġiet tat-taħriġ tas-*Senior House Officer* fil-Mediċina, kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Hi mistennija li tieħu parti f'attivitajiet akkademiċi u ta' taħriġ f'laqgħat mad-Dipartiment tal-Mediċina u fid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità. It-taħriġ kontinwu tagħha jiddependi minn rapporti sodisfaċenti fuqha mingħand kumitat kompost miċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Mediċina u żewġ konsulenti mid-Dipartiment ta' l-Anzjani

period of one year, and subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Department for the Elderly and Community Care. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which may include night duty. This roster will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee who obtains an approved postgraduate qualification in the speciality during the contract period will, subject to satisfactory performance, be considered for appointment as Senior House Officer on a permanent basis and shall be placed on a salary of Lm6,713 x Lm228 – Lm8,081 per annum (salary scale No 7).

5. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

6. The appointee will be required to work in the Department for the Elderly and Community Care both at St. Vincent de Paule Residence and Zammit Clapp Hospital as well as other postings in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care according to the exigencies of the Service.

7.1 The post of Senior House Officer forms an integral part of the basic medical training programme of the Department of Medicine and is suitable for candidates wishing to pursue a career in medicine. The appointee will be required to rotate within various medical specialities in a structured training programme to be determined by the Chairman of the Department of Medicine and which will take into account both the Senior House Officer's basic medical training requirements, as well as the exigencies of the service. He/She will be required to participate in teaching and academic activities and meetings of the Department of Medicine and the Department for the Elderly and Community Care. His/Her continued training will depend on the satisfactory reports from a Committee composed of the Chairman of the Department of Medicine and two other

u Kura fil-Komunità. Waqt dan il-kuntratt il-persuna nominata trid tkun f'qagħda li tista' toqgħod għall-eżami ta' l-MRCP II jew għal kwalifika ekwivalenti approvata. Aktar taħriġ f'dan il-livell ikun jiddependi iżda mill-esiġenzi tas-Servizz.

7.2. Is-*Senior House Officer* jifforma parti mid-Dipartiment tal-Mediċina u d-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità u l-persuna nominata tkun responsabbli lejn il-Konsulenti Ġerjatriċi u ċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Mediċina.

7.3. Il-persuna nominata hija mistennija li tkompli tagħmel xogħol ta' *House Officer* iżda f'livell ogħla ta' responsabbilità. Hija trid tkun kapaċi tagħmel dijanjożi ta' każi ta' mediċina aktar komplikati u timmaniġġjahom u trid tiżviluppa l-ħila tagħha fil-Mediċina. Hija tkun responsabbli direttament lejn il-konsulent inkarigat mill-pazjenti. Id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet ewlenin tal-post huma kif ġej:

a) tieħu sehem billi kuljum tipprovdi l-kura medika ta' rutina u ta' emerġenza għal-livell xieraq ta' dan il-grad, għar-rikoverati ġewwa San Vincenz kif ukoll ġewwa l-Isptar Zammit Clapp. Dan jinkludi ordni ta' investigazzjoni u ta' tibdil fit-trattament skond kif tħoss li hu meħtieġ taħt is-superviżjoni tal-konsulent;

b) attendenza għall-*ward rounds* kemm mal-konsulent kif ukoll waħedha skond kif meħtieġ;

ċ) xogħol ta' proċeduri kif meħtieġ (bħal *plueral aspiration, paracentesis, lumbar punctures* u *bone marrow aspirations*);

d) attendenza għal *Outpatient Clinics* u/jew Day *Hospitals* kif meħtieġ;

e) arrangamenti għad-dħul fl-isptar u tħejjija ta' *discharge summaries* u ta' kull korrispondenza mal-*General Practitioner*, kif xieraq;

f) żamma ta' kuntatt mal-qraba tal-pazjenti;

g) assigurazzjoni li r-*records* tal-pazjenti jkunu preċiżi, aġġornati u li jinqraw;

h) superviżjoni tax-xogħol ta' *House Officers* li ma jkunux għadhom irreġistrati u parteċipazzjoni fit-taħriġ tagħhom u ta' l-istudenti tal-Mediċina li jkunu qed jaħdmu fil-*firm,* skond kif ikun xieraq;

i) provvediment ta' servizzi residenzjali *on call* kif meħtieġ;

j) xogħol minflok kollegi f'emerġenza jew meta dawn ikunu fil-*vacation leave* jew *leave* ieħor;

Consultants from the Department for the Elderly and Community Care. During his/her contract, the appointee should be in a position to sit for the MRCP Part II examination, or an approved equivalent qualification. Further training will however depend on the exigencies of the service.

7.2 The Senior House Officer forms part of the Department of Medicine and the Department for the Elderly and Community Care and the appointee will be responsible to the Consultant Geriatricians and the Chairman of the Department of Medicine.

7.3. The appointee is expected to continue with the duties of the House Officer but at a higher level of responsibility. He/She should be able to diagnose and manage more complicated medical problems and should develop his/her medical skills. He/She will be directly answerable to the Consultant in Charge of the patients. The principal duties and responsibilities are as follows:

a) participation in the day to day provision of routine and emergency medical care to a level appropriate to the grade for in-patients at St Vincent De Paule Residence and Zammit Clapp Hospital. This includes ordering investigations and changing treatment cards as heċshe feels necessary, under the supervision of the consultant;

b) attending the undertaking ward rounds as required;

c) undertaking procedures (such as pleural aspiration, paracentesis, lumbar puncture and bone marrow aspirations) as necessary;

d) attending outpatient clinics and day Hospitals as required;

e) arranging admissions and the preparation of discharge summaries and any correspondence to the General Practitioner as appropriate;

f) liaison with the patients' relatives;

g) ensuring that records of patients are accurate, up to date and legible;

h) supervision of the work of pre-registration of House Officers and participating in their training, and that of medical students attached to the firm as appropriate;

i) providing resident on-call services as required;

j) providing cover for colleagues in an emergency or when on vacation or other leave;

k) żamma ta' kuntatt mal-kollegi li jkunu xogħol immedjatament qabilha jew warajha biex tassigura komunikazzjoni adekwata u kontinwa ta' kura tal-pazjent. Hija trid iżżomm kuntatt mill-qrib ma' infermiera, ma' ħaddiema professjonali u tekniċi kif ukoll ma' dipartimenti oħra biex tassigura li l-informazzjoni meħtieġa għall-kura tal-pazjent u l-investigazzjoni meħtieġa jkunu mifhuma sewwa;

l) obbligu li tkun preżenti taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, għax-xogħol barra mill-ħin normali tar-*roster* tagħha meta dan ikun essenzjali għall-kontinwità tal-kura tal-pazjent;

m) użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

8. L-applikanti għandhom:–

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-professjoni medika f'Malta;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47);

k) liaison with colleagues who are on duty immediately before and after himself/herself to ensure adequate communication and continuity of patient care. He/She must liase closely with nursing, professional and technical staff and other departments to ensure that necessary information on patient care and investigations required are fully understood;

l) undertaking to be available, under exceptional circumstances, for such irregular commitments outside normally rostered duties as are essential for continuity of patient care;

m) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Department of Elderly.

8. Applicants must:–

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical profession in Malta;

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta

filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern ta' Malta qabel u jagħtu d-dettalji).

8.1. Tingħata konsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li jkollhom evidenza ta' *Continued Medical Education* u ta' Riċerka.

9. Applikazzjonijiet jintlaqgħu ukoll minn kandidati li ma jkollhomx il-Liċenza msemmija f'paragrafu 8 (ċ) hawn fuq bil-kundizzjoni li jippreżentaw evidenza li se jikkwalifikaw għall-imsemmija Liċenza sal-15 ta' Ottubru, 2006. Jekk jintgħażlu dawn il-kandidati jridu jakkwistaw l-imsemmija Liċenza qabel ma jingħataw il-ħatra.

10.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

10.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

11.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

11.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-*MQRIC* jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants*, trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service giving details).

8.1. Due consideration will be given to applicants who possess evidence of Continued Medical Education and Research.

9. Applications will also be considered from candidates who are not in possession of the Licence mentioned in paragraph 8 (c) above provided they produce evidence that they would qualify for such a licence by 15 October, 2006. If selected such candidates must obtain the said licence before appointment.

10.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

10.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

